# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud.Rel.; Dip. Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-17 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 277/2011 SM**

**Joseph Bugeja, karta ta'**
**l-identita` numru 2466 (M)**
**u ghal kull interess li jista`**
**jkollha martu Mary Grace Bugeja,**
**karta ta' l-identita` numru 142067 (M)**

**vs.**

**Go plc**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi waqt li kien xoghol mas-socjeta` intimata fit-13 ta' Frar, 2008, waqa` minn sellum u sofra debilita` permanenti kif cerifikat mill-konsulent mediku tieghu, (ara foll 4);

1.2. Illi l-incident sehh rizultat ta' nuqqasijiet attribwibbli lis-socjeta` intimata, fosthom:

1.2.1. Ghaliex naqset li tipprovdi mizuri adegwati ta' sigurta` waqt ix-xoghol;

1.2.2. Ghaliex naqset li tipprovdi sellum sigur biex ikun jista` jahdem fuqu;

1.3. Illi l-incident *de quo* sehh meta s-sellum mexa bir-rikorrenti fuqu;

1.4. Illi r-rikorrenti kellu esperjenza twila diversi snin f'dan ix-xoghol tant li gieli kien inkarigat mis-socjeta` intimata biex jghallem lill-istudenti;

1.5. Illi rizultat ta' l-istess incident tilef il-qliegh dirett mill-kumpanija billi bhala *"singleton"* kien jaqla` aktar;

1.6. Illi ghalkemm interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, u ghalkemm effettivament saru tentattivi f'dan ir-rigward, dawn ma` rnexxewx u kellu jirrikorri ghal din il-procedura;

1.7. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` intimata hi unikament responsabbli ghall-incident minhabba nuqqasijiet attribwibbli lilha u peress li l-incident gara unikament tort taghha;

1.7.2. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati;

1.7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas id-danni hekk likwidati;

1.7.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-incident kontra s-socjeta` intimata;

2. Rat l-ordnijiet procedurali moghtija minn din il-qorti diversament preseduta datati l-25 ta' Marzu, 2011, (ara foll 27);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-13 t'April, 2011, li permezz taghha s-socjeta` intimata rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.2. Illi s-socjeta` intimata la kienet traskurata, la kienet imprudenti u lanqas negligenti meta impjegat lir-rikorrenti;

3.3. Illi bl-istess mod ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha taghha meta inkarigat lir-rikorrenti bix-xoghol tieghu;

3.4. Illi ghall-grazzja ta' l-argument, kieku s-socjeta` pprovdiet lir-rikorrenti b'xi sellum difettuz, li mhux il-kaz, bl-esperjenza twila li kellu r-rikorrenti kien messu m'uzahx;

3.5. Illi kien ir-rikorrenti stess li kkawza l-incident in dizamina billi ma qaghadx attent bizzejjed fuq ix-xoghol;

3.6. Illi jekk jinstab bil-maqlub, ir-rikorrenti pprova jaghmel kapital mill-fatt li kien jahdem bhala *"singleton"*;

3.7. Illi fir-rigward ir-rikorrenti ma kellu l-ebda assigurazzjoni li kien ser jibqa` jahdem f'din il-kapacita` u ghalhekk, *per se*`, dan ma jistax jagevola lir-rikorrenti fil-*quantum* li jista` *se mai* jigi likwidat;

3.8. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu appuntat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata ghall-iskop hemm senjalat, (ara foll 35);

5. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat iz-17 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-istess assistent gudizzjarju biex tirritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 109);

6. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 133);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-26 ta' Marzu, 2015, (ara foll 135), flimkien ma' dik tas-socjeta` intimata datata l-20 t'April, 2015, (ara foll 141);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

10. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

11. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti mix-xhud okulari li kien hemm: (ara foll 50)

12.1. Illi waqt li r-rikorrenti Joseph Bugeja kien qieghed ihaffer toqba mall-hajt bi *driller* f'gholi ta' madwar erba` (4) piedi, ekwivalenti ghal madwar metru punt tnejn, (1.2 m), is-sellun li kien fuqu beda jizzerzaq il-barra min-naha t'isfel;

12.2. Illi l-intimat Bugeja halla d-*driller* u pprova jzomm mas-sellum;

12.3. Illi minkejja dan waqa` u waqt li gie fuq il-warrani tieghu, laqat ukoll il-minkeb u saqajh;

12.4. Illi s-sellun halla zewg (2) marki vertikali mall-hajt;

12.5. Illi ma kien hemm l-ebda tracca t'ilma, trab jew ta' materjal ma' l-art;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi bhala *"singleton"* ir-rikorrenti kien dovut jahdem bil-mod segwenti skont l-istruzzjonijiet appozitament skritti mis-socjeta` intimata u moghtija lill-impjegati taghha kkoncernati, fosthom lir-rikorrenti:

13.1. Illi meta ghal kwalunkwe raguni *"singleton"* ma jkunx jista` jahdem fis-sigurta` ghandu jitlob li jkun assistit, (ara foll 63);

13.2. Illi skont il-manwal tas-socjeta` intimata intitolat "Is-Sahha u s-Sigurta`: Gwida ghall-haddiema ta' barra" (ara foll 62), hemm tassattivament indikat is-segwenti:

> "Ghal xoghol li qed isir minn *"singleton"*, ghandha tintuza l-*ladder securer* kif huwa muri hawn taht", (ara OHS 6/00 p.9);

13.3. Illi xoghol fuq slielem ta' ghoxrin (20) pied gholi jistghu jigu ezegwiti minn impjegat wahdu, (ara foll 63);

13.4. Illi kwalunkwe diffikulta` l-ewwel ghandha tigi indikata lill-*foreman* u jekk hemm bzonn, lis-*safety* officer;

13.5. Illi l-*foreman* irid jezegwixxi spezzjonijiet frekwenti, liema spezzjonijiet ghandhom ikunu registrati;

13.6. Illi meta s-slielem jintuzaw fuq ic-ceramika jew art ohra li tizloq, dan ghandu jinzamm sod fil-post minn persuna

ohra filwaqt li l-ewwel persuna tkun fuq is-sellun, (ara l-manwal fuq riferit OHS 6/00 p.9);

Ikkunsidrat:

14. Illi fir-rapport preliminari tieghu dwar l-incident l-assistent tar-rikorrenti jghid li l-art fejn kien qed jahdem ir-rikorrenti bis-sellum kienet tal-*"high gloss ceramic"*, (ara foll 50);

15. Illi s-sellum kellu s-saqajn tieghu miksija bil-gomma u kienu tali li setghu xorta jipprovdu *grip* tajjeb ma' l-art, u kienu ta' kundizzjoni tajba, (ara foll 50 u ritratti a foll 51);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi minn analisi tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

16.1. Illi s-sellum provdut lir-rikorrenti biex jezegwixxi x-xoghol tieghu kien tajjeb, kien jissodisfa r-regolamenti rigwardanti s-sahha u s-sigurta`, u meta l-istess rikorrenti ezamina l-lastiku tieghu qabel ma tela` fuqu sab li kien mija fil-mija tajjeb, (ara foll 103 C);

16.2. Illi rigward is-slielem uzati mis-socjeta` intimata jirrizulta li meta ghamlet sejha ghax-xiri ta' l-istess, wara li kumitat appozitu evalwa l-istess offerti, dan ghazel l-offerent l-aktar gholi peress li dan offra *safety features* addizzjonali fir-rigward, aktar mill-offerenti l-ohra, (ara foll 120);

16.3. Illi mistoqsi in kontro-ezami jekk kellux xi spjegazzjoni ghall-incident in dizamina, l-istess rikorrenti jsostni li ma kellux spjegazzjoni ghall-akkadut, (ara foll 103 C);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi tenut kont tar-rizultanzi kif fuq elenkati jirrizulta sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi s-sellun uzat mir-rikorrenti kien skont l-i*standards* rikjesti mill-ligi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' sahha u sigurta` fuq ix-xoghol;

17.2. Illi s-sellum *de quo* kien uzat wahdu mir-rikorrenti fuq ic-ceramika, meta f'dan il-kaz haddiem hu espressament obbligat ikun assistit, (ara paragrafu numru tlettax punt sitta, (13.6.), aktar qabel);

17.3. Illi r-rikorrenti ma talabx ghal din l-assistenza u ghazel li jistrieh fuq l-esperjenza tieghu fir-rigward;

17.4. Illi *di piu`*, ghandha tigi wkoll ikkunsidrata l-istazza tar-rikorrenti fir-rigward kif hu stess jindirizza fix-xhieda guramentata tieghu a foll 103B meta jghid:

> "...iccekkjajt illi m'hemmx ilma ma' l-art, ghax altrimenti s-sellum jista` jizloq u li s-sellum kellu l-lastiku mas-saqajn tieghu. Dana, specjalment, in vista tal-fatt, il-piz tieghi";

Ikkunsidrat:

18. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata hi estranea ghall-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ppruvax il-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

19.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

19.2. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` intimata;

19.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**